MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru. 788/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Attard**

**vs**

**Ludwic Dimech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Ludwic Dimech, ta' 22 sena, bin Carmelo u Josephine nee' Chircop, imwieled Pieta, mwieled fid-29 ta' Jannar 1983 u joqghod 'Our Nest', Triq l-Indipendenza, Zebbug u detentur tal-karta ta' l-identita 135683(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

a) Nhar it-23 ta' Awwissu, 2005 ghall-habta ta' 7.00 A.M. fi Triq Imdina, Haz-Zebbug, volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Philip Agius hekk kif iccertifika t-Tabib Jeffrey Pullicino Orlando B.Ch.D. (Hons) M.P. (Dental Surgeon) skond l-Artiklu 216 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Philip Agius hekk kif iccertifika t-Tabib J. Vella M.D. (Reg No. 646);

c) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli; liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 Maltin, izda ghall-valur ta' anqas minn LM500 Maltin meta ghamel hsara volontarja fuq il-vettura ghamla van Mitsubishi bin-numru tar-registrazzjoni EBD-157 li fil-fatt huwa propjeta' ta' Philip Agius;

d) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, hebb kontra Philip Agius sabiex jingurjah jew iddejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

e) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi hedded b'gebel jew / u hwejjeg ohra iebsin u waddab jew qabad armi ohra (cioe' hadida mdaqqsa) kontra l-imsemmi Philip Agius;

f) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kiser il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied;

g) Aktar talli sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta nhar :
a) 6.11.2003 …… Magst. M Hayman LL.D. u;
b) 1.07.2004 …… Magst. S Meli LL.D.

Barra l-piena hekk kif stabbilita skond il-ligi, il-Qorti hija mitluba illi f'kaz ta' kundanna tapplika l-provvedimenti li hemm fl-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Settembru 2005 esebit a fol. 12 tal-process sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-01 ta' Gunju 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li allegatament sehh fit-23 ta' Awwissu 2005 f'Mdina Road Zebbug ghall-habta tas-7.00am fejn il-parti civili Philip Agius ghamel rapport lil Pulizija li fid-data msemmija kien mar bil-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EBD 157 quddiem il-yard tal-familja Dimech ghaliex l-imputat Ludvic Dimech kellu jaghtih Lm20 u waqt li kien qed ikellmu l-imputat qabad hadida li kien hemm fit-triq u mar ghalih u waddabielu u din giet fuq il-vettura ta' Agius u kkagunat hsara fil-parti ta' quddiem tal-istess vettura. Philip Agius irraporta wkoll li l-imputat imbaghad qabad jaghtih f'wiccu u huwa ghalhekk telaq minn fuq il-post u mar jaghmel rapport. Huwa qal li kien akkumpanjat min-neputi tieghu Owen Agius meta mar ghand Dimech u aktar  tard ha lil Pulizija certifkat mediku rilaxxjat minn Dr. Joseph Vella (inserit a fol. 38 tal-process minn fejn jirrizulta li huwa kellu griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet kif ukoll certifkat iehor rilaxxjat mid-dentist Dr. Jeffrey Pullicino Orlando minn fejn jirrizulta li Agius kellu sinna ticcaqlaq li mbaghad kellha tinbidel (certifikat inserit a fol. 27 u 28 tal-process) u stima rigwardanti l-hsarat allegatament kagunati fil-vettura tieghu liema hsara kienet tammonta ghall-Lm620. Meta l-Pulizija kellmu lill-imputat dan qal li Philip Agius kien mar hdejn il-yard taghhom u beda' jkellmu hazin u jghajjar lil missieru marid u beda' wkoll jistiednu ghall-glied u qal li

hu u Agius kienu mbaghad iggieldu bl-idejn izda l-imputat cahad li kien ta xi daqqiet ta' hadida lil Agius jew fuq il-vettura ta' dan tal-ahhar jew li kellu hadida f'idejh (vide stqarrija rilaxxjata mill-imputat inserita a fol. 81 u 82 tal-process).

Ikkunsidrat:

Illi Philip Agius xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta' Gunju 2007 fejn ta verzjoni kemm xejn differenti minn dik li kien ta a tempo vergine lil Pulizija. Din id-darba huwa fil-fatt qal li dakinhar tal-incident huwa kien ghaddej minn Mdina Road bil-vettura tieghu u akkompanjat min-neputi tieghu Owen Agius u kienu ser jiehdu dinghy sabiex jissewwa u qal li waqt li kienu qed jistennew fit-traffiku li kien ghaddej bil-mod hafna minn Mdina Road semghu hafna ghajjat u raw lil Ludvic Dimech qed jaqla' hadida li kien hemm fit-triq u jwaddabha fid-direzzjoni taghhom u huma ghalhekk nizlu rashom sabiex ma jintlaqtux. Meta tellghu rashom raw li Dimech kien qed iwaddab xi gebel u Owen Agius beza' u nizel mill-vettura u telaq jigri minn fuq il-post. Agius isostni li l-imputat gie ma genb il-bieba tieghu u beda' jaghtih bil-ponn u bil-hadida u huwa ma rritalja bl-ebda mod u mbaghad telaq minn fuq il-post u mar jaghmel rapport lil Pulizija. Owen Agius li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta' Gunju 2007 qal li kien fil-vettura taz-ziju tieghu Philip Agius u kienu sejrin isewwu dinghy meta sema' hafna ghajjat u ppanikja u telaq jigri minn fuq il-post. Huwa qal li ma kienx jaf minn fejn kien gej l-ghajjat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Ludvic Dimech ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (xhieda relattiva nserita a fol. 90 sa 97 tal-atti processwali) fejn ikkonferma l-verzjoni minnu moghtija fl-istqarrija u cioe' li Philip Agius kien mar quddiem il-yard tieghu, beda' jghajru u jitolbu jaghtih lura Lm20 u beda' jghajjar lil missier Dimech, li ken fuq il-post, marid. L-imputat jghid li Agius beda' jistiednu ghall-glied u huma spiccaw jiggieldu bil-ponn. L-imputat izda innega li f'xi stadju kien waddab hadida lejn il-vettura ta' Agius jew li

altrimenti kellu hadida f'idejh jew li kien ta xi daqqiet lil Agius bl-istess hadida.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost kunfliggenti kif jirrizulta mill-paragrafi precedenti u ghalkemm huwa principju stabbilit li mhux kull kunflitt ghandu jwassal ghall-liberazzjoni f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-kunflitt ghandu jimmilita favur l-imputat ghas-semplici raguni li l-Qorti irriskontrat diversi inkonsistenzi fil-verzjoni moghtija mill-parti civili Philip Agius u ghandha dubji serji dwar il-kredibilta' tal-istess xhud. Kif diga' gie rilevat fil-paragrafi precedenti dan ix-xhud meta ghamel ir-rapport indika lil Pulizija li kien huwa stess li mar il-yard tal-imputat sabiex jikkonfrontah dwar xi flus li kellu jhallsu izda meta imbaghad xehed f'dawn il-proceduri huwa ghazel li jbiddel il-verzjoni u jghid li huwa kien inzerta ghaddej minn quddiem il-yard tal-imputat sejjer isewwi dinghy meta inqabad fi traffiku wieqaf quddiem il-yard u l-imputat rah u ghal xejn b'xejn qabad hadida u tefaghha lejn il-vettura tieghu. Il-Qorti issibha pjuttost stramba kif Owen Agius in-neputi ta' Philip Agius ma jsemmi xejn dwar din il-hadida u jghid biss li sema' xi ghajjat u telaq jigri minn fuq il-post ghaliex ippanikja. Il-Qorti inoltre ssibha difficli temmen kif jekk verament Agius qala' daqqiet ta' hadida sofra biss griehi ta' natura hafifa. Il-Qorti inoltre tixtieq tirrileva li l-komportament ta' Philip Agius fuq il-pedana tax-xhieda kien tali li gieghlha tiddubita serjament mill-kredibilita' tieghu.

Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li effettivament dak li gara kien li Agius mar il-yard tieghu sabiex jikkonfrontah dwar xi flus li kellu jaghtih u wara li beda' jghajjar lilu u lil missieru u jistiednu ghall-glied huma spiccaw fl-idejn u l-imputat xejjer xi daqqiet ta' ponn lil Agius u kkawzalu xi griehi ta' natura hafifa. Il-Qorti jidrilha li ma giex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li s-sinna mcaqalqa kienet giet kagunata mid-daqqiet moghtija mill-imputat u dan jinghad ghaliex id-dentist li ezamina lil Agius spjega li din is-sinna setghat

kienet qed ticcaqlaq ghal diversi ragunijiet u qal li din kellha crown u ghalhekk kien diga' sar intervent fuqha. Il-Qorti lanqas ma jidrilha li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ikkaguna hsarat fil-vettura ta' Agius. Irid jigi rilevat f'dan ir-rigward li hadd mill-Pulizija li kellmu lil Agius wara l-incident ma qalu li kienu raw il-hsara allegatament kkawwzata fil-vettura immedjatament wara l-incident. Il-Qorti ma jidrilhiex li l-imputat jista' jitqies li kien qed jagixxi in legittima difesa ghaliex kemm mill-istqarrija kif ukoll mix-xhieda tieghu jirrizulta li huwa hebb ghal Agius wara li dan stiednu ghall-glied bil-kliem izda kien huwa li hebb ghalih.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-unika akkuzi li jirrizultaw pruvati fil-konfronti tal-imputat huma dawk immarkati bhala (b), (d) u (f).

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 221, 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lil-imputat Ludvic Dimech hati tal-akkuzi mmarkati bhala (b), (d) u (f) u tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro (€500). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali taht penali ta' erba' mitt Ewro (€400) ghal zmien tnax (12) il-xahar mill-lum milli jimmolesta jew jivvessa lil Philip Agius.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------